MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Numru 450/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maria Stella Cutajar)**
**vs**
**Joseph Briffa u Johann Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati:

Joseph Briffa ta’ 49 sena bin France u imwieled Zejtun u residenti 63, San Pietru, Birzebbuga, detentur ta’ karta ta’ identita numru 196153(M), u

Johan Briffa ta’ 24 sena bin Joseph u imwieled Pieta u residenti 190, Triq San Filippu, Birzebbuga, detentur ta’ karta ta’ identita numru 527777(M);

1. talli fit-18 ta’ Lulju 2000 Joseph Briffa tela’ fuq il-bejt tla-proprjeta 59, Triq San Pietru, B’Bugia, u volontarjament hassar, ghamel hsara u gharraq hwejjeg haddiehor u cioe

proprjeta ta’ Victor Decelis li tikkonsisti fi tkissir fi speci ta’ partition u pajpijiet illi jservu bhala wires tal-inxir kif ukoll tkissir ta’ qsari liema oggetti kienu jinsabu fuq il-bejt ta’ l-istess fond 59, Triq San Pietru, B’Bugia, bi ksur ta’ l-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira izda izjed minn Lm50.

2. li bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta’ Victor Decelis bi ksur ta’ l-Artikolu 340(d) tal-Kap. 9;

3. kontra Johan Briffa talli volontarjament hassar, ghamel hsara u gharraq il-ventijiet tal-aerial tat-television proprjeta ta’ Victor Decelis u b’konsegwenza volontarjament hassar, ghamel hsara u gharraq l-istess television aerial liema reat huwa kontemplat fl-art.325(b) tal-Kap 9;

4. Li biex jesercita jedd li jippretendi li ghandu gaghal bl-awtorita tieghu nnifsu illi jfixkel lil Victor Decelis fil-pussess ta’ hwejjgu u cioe’ fil-ventijiet u television aerial imsemmija bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba illi tordna lill-imputati jnehhu l-inkonvenjent jew id-dizordni u dan skond dak li hemm mahsub fl-Artikolu 377(3) tal-Kap 9 kif ukoll tapplika l-provizjonijiet tal-Artikolu 380 tal-Kap 9 li jirrigwarda l-hlas ta’ spejjes, barra l-garanzija personali taht l-Artikolu 383 ghas-sigurta tal-persuni.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputati;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma ta’ hsara volontarja li teccedi l-Lm50 izda mhux il-Lm500 u l-esercizzju arbitrarju ta’ pretensjonijiet.

Illi mill-provi relatati mal-hsara, bl-liema akkuza huma akkuzati z-zewg imputati, jirrizulta mill-kwerela li l-hsara addebitata lill-imputat Joseph Briffa tikkonsisti filli huwa, fit-18 ta’ Lulju, 2000, tela’ fuq il-bejt tal-kwerelanti u kisser speci ta’ partition u pajpijiet u wkoll qsari. L-imsemmi Joseph Briffa dan jinnegah. Madanakollu hemm mart il-kwerelant li stqarret li f’xi gurnata f’Lulju kienet semghet xi hsejjes gejjin minn fuq il-bejt u waqt li marret tindaga f’hiex jikkonsistu rat lill-akkuzat Joseph Briffa jaqla l-pajpijiet u l-wire-netting imwahhal mieghu. Fl-isfond ta’ dak li xehed l-imsemmi Briffa dwar li din l-istruttura kienet tipprekludih li jibni l-kamra li hu applika u ottjena l-permess mill-awtoritajiet li jibni, din il-qorti tqis ix-xhieda ta’ mart il-kwerelant kredibbli u li ghandha tigi emnuta fuq daqshekk. Intant din ix-xhud ikkonfermat li zewgha kien gabar il-pajpijiet u refaghhom f’rokna u mkien ma accennat dwar xi hsara fil-qsari. Fil-kuntest tal-qsari jirrizulta anzi, specifikament mir-ritratti esebiti, li dawn ghadhom intatti fuq l-opra morta li tiddividi z-zewg bjut rispettivi u fir-rigward il-pajpijiet u l-wire netting l-kwerelant stess ikkonferma li ghadhom fuq il-bejt u b’xi hsara lill-wire netting li “jahseb li saret minhabba strapazz cioe’ ‘wear and tear’”. Oltre dan jirrizulta mix-xhieda tal-istess mart il-kwerelant li l-pajpijiet u l-wire netting kienu imwahhla fuq il-parti tal-bejt tal-kwerelant b’daqstant li ma jirrizultax li kien hemm ebda dhul per se fil-proprjeta tal-kwerelant.

Fit-tieni lok l-kwerelant ilmenta dwar hsara kkagjonata mill-akkuzat Johann Briffa li volontarjament hassar, ghamel hsara u gharraq il-ventijiet tal-aerial tat-television tal-kwerelant. Din l-allegazzjoni l-kwerelant jibbaza fuq dak li stqarr mieghu l-akkuzat Joseph Briffa li l-ventijiet tnehhew mit-tifel tieghu ossia l-akkuzat l-iehor Johann Briffa. Dan pero ma jistax jirrizulta kontra dan l-akkuzat fid-dawl tar-ritratti esebiti li juru ventijiet intatti u l-arblu tal-aerial mhux mghawweg. Irid ukoll jinghad li l-prova fil-kamp kriminali trid tkun cara u univoka, fatt, ghal dak li jirrigwarda l-aerial, li mhux sostenibbli, anka minhabbba nuqqas ta’ kjarezza fix-xhieda tal-kwerelat u martu. Isegwi konsegwentement li fin-nuqqas tal-att estern tal-

ispoll kommess proprju minn dan l-imputat ghandha wkoll taqa' l-akkuza ta' raggion fattasi addebitata lilu.

Mil-bqija mhix kompetenza ta' din il-qorti li tordna 'resitutio in integrum' izda fis-setgha taghha li tadotta provedimenti taht l-artikolu 380 tal-Kap 9 stante li l-azzjoni kienet tmiss biss lill-offiz u prosegwibbli tramite kwerela. Dwar il-hsara tali rrizultat biss filli tnehhew l-pajpijiet minn mal-hajt u difficilment din il-qorti setghet tiddetermina li teccedi l-Lm50 ghalkemm ghandha teccedi l-Lm10.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost qeghda issib l-imputat Joseph Briffa limitatament hati li ghamel hsara filwaqt li qalha l-pajpijiet fuq riferiti proprjeta tal-kwerelant, anka jekk minn mal-hajt tieghu, u wara li rat l-Artikolu 325(c), 373 u 380 tal-Kap 9 filwaqt li tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 u 11 tal-Kap 152 li ma jaghmilnx reat iehor fi zmien sitt xhur millum u jhallas in linja ta' spejjez lill-kwerelant is-somma ta' Lm30.

Tillibera lill-imputat Johan Briffa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------